MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Numru. 223/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**

**KONTRA**

**JURGEN XERRI ta' 33 sena, iben Carmel u Mary nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar id-19 ta' Dicembru, 1978, residenti fil-fond Jesmarie House, Triq San Piju X, Santa Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 151479M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Jurgen Xerri** li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta' Lulju, 2007, ghall-habta tal-5.05pm, gewwa l-Villagg Industrijali ta' San Gwann, u

f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin, bil-hsieb li jisraq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq huwa aggravat bil-valur ta' izjed minn mitejn u tnejn u tletin Ewro (mitt lira Maltin) u bil-mezz;

2. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-interrogartorrju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, u anke li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-istess.

Semghet ix-xhieda tax-xhud okulari certu Saviuor Ghetti li kien is-security watchman mall-fond Foster Clarke. Xehed dan li waqt li kien gol-karma ra karozza, gieh suspett fuqha u hadilha n-numru. Xehed ukoll li hin minnhom beda jisma' hsejjes ta' hadid, u ghalhekk mar jara x'kien qieghed jigri, u hemm sab lill-imputat niezel b'search light f'idu kif ukoll adjustable shifton. Qal illi mill-fond kien insteraq search light, liema search light skond dan ix-xhud kien wiehed li kien jintuza ma' l-art ghax fil-fond in kwistjoni kien hemm il-kobor u kien hemm id-dlam. Zied ukoll illi s-search light kien mizmum fuq, f'sit maghluq b'katnazz. Qal illi hu sab dan il-bieb sgassat. Gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ra bis-search light f'idu.

Ghandu jinghad ukoll illi l-pulizija waslu ghall-imputat in kwantu l-vettura misjuqa mill-imputat fi zmien tar-reat, allegatament, kienet tappartjeni lil missier it-tfajla ta' l-istess imputat. Kien l-istess Ghetti li ghadda dan in-numru ta' registrazzjoni lill-pulizija.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-partijiet li ebda prova ma ngabet ta' kemm tiswa din is-search light li sofriet dan l-attentat ta' serq. Gew mehuda minn PC 6, u ghalhekk esebiti, sett ritratti li juru l-istess fond derubat, l-isgass, u s-search light in kwistjoni, pero tali ritratti, anzi ritratt, ma jistabbilixxix il-valur ta' l-istess. Ghalhekk certament l-aggravju tal-valur ghandu jkun l-inqas li trid il-Ligi a vantagg ta' l-imputat. Certament pero, mill-esperjenza wiehed jista' facilment jikkonkludi li tali search light zgur taccedi fil-valur il-mitt lira Maltin. Kontrarjament ghal dak trattat mid-Difiza, din il-Qorti tqis illi dan is-serq hu wkoll aggravat bil-mezz in kwantu ghall-isgass. Rat ghalhekk l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 279, 280 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' dawn qieghda ssibu hati.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' l-Ufficjal tal-Probation Joanne Farrugia. Din xehdet dwar il-progress li kien ghamel l-imputat, b'dan li issa kien sab xoghol u kien qieghed izomm kuntatt ma' l-Agenzija Embark for Life u l-Appogg.

Rat ukoll l-Artikoki 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ssibu anke hati ta' dan wara li rat is-sentenza esebita.

Dwar il-piena rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqieghed lil Jurgen Xerri taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn(2) mill-lum, b'dan illi qieghda tahtar lil Joanna Farrugia ghal dan l-iskop, b'dan illi Jurgen Xerri ghandu jsegwi dawk id-direttivi lilu moghtija mill-istess Probation Officer, b'mod partikolari fejn jirrigwardja l-Agenzija Appogg, u kwalunkwe direttivi lilu ohra moghtija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------